## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR FRANCESCA CALLEJA U SPETTUR DORIETTE CUSCHIERI) V. JOSEPH-ANTHONY STAGNO (KI. 255876M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Joseph-Anthony Stagno, ta' 48 sena, iben Anthony Stagno u Dolores nee' Caruana imwieled Pieta nhar it-20 ta' April 1976, mingħajr indirizz fiss, detentur tal- karta tal-identita' numru 0255876M (imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 7 ta' April 2024 mixli illi nhar il-ħamsa (05) ta' April 2024 għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u fil-ħin ta' qabel, ġewwa Triq il-Wilġa, Marsaxlokk:

1. **attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` PC 829 Alan Dougall fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti; Art. 96 - Kap 9**

2. **ukoll talli inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuna ta' wieħed inarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' Ps 970 Ray Galea, Pc 829 Alan Dougall u Pc 224 Jake Mercieca waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; Art 95 - Kap 9**

3. **u aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor għad-dannu ta' Joseph Fenech u/jew persuni oħra, liema ħsara tammonta għal inqas minn €2,500 u aktar minn €250; Art 325(1)(b) - Kap 9;**

4. **u aktar talli ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Joseph Fenech; Art 339(1)(d) – Kap 9**

5. **U aktar talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Joseph Fenech jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; Art 339(1)(e) – Kap 9**

6. **U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' Ps 970 Ray Galea, Pc 829 Alan Dougall u Pc 224 Jake Mercieca jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar / ħassret dak li ħaddieħor kun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgħa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra tal-liġi; Art 338(ee) – Kap 9**

7. **u aktar talli fl-istess lok, data u ħin, kiser il-bon ordni u paċi pubblika, b'għajat, u storbju; Art 338(dd) – Kap 9;**

8. **u aktar talli f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu ħsieb tiegħu innifsu; Art.338(ff) - Kap 9;**

9. **u wkoll talli jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ; Art 338(w) – Kap 9**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni ta' Joseph Fenech,Ps 970 Ray Galea, Pc 829 Alan Dougall u Pc 224 Jake Mercieca jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku billi torbot lil Joseph-Anthony Stagno b'obbligazzjoni tagħha nnifsa taħt penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u sabiex toħrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra Joseph-Anthony Stagno għal benefiċċju ta' Joseph Fenech, Ps 970 Ray Galea, Pc 829 Alan Dougall u Pc 224 Jake Mercieca , u l-familja tagħhom, u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 7 ta' April 2024, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet imsemmija li nġiebu kontra tiegħu,

wara li rat li l-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni u d-disa' imputazzjoni,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 15A, 95, 325(1)(b), 338(dd), 338(ee), 338(ff), 339(1)(d), 339(1)(e) u 382A u wara li qieset li l-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet numru wieħed u disgħa, issib l-imputat ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih ossia tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja u tikkundannah iħallas il-multa ta' disa' mitt euro (€ 900) liema multa tista' titħallas ratealment f'disa' pagamenti mensili u ugwali.**

**Il-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Inoltre il-Qorti qegħda toħroġ Ordni ta' Kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 billi tordna lill-ħati jħallas lill-*parti offiża* Joseph Fenech (KI. 299465M) l-ammont ta' tlett mija ħamsa u għoxrin euro (€ 325) bħala kumpens għat-telf li sofra, liema somma għandha titħallas entro xahrejn mil-lum.**

**V.G. Axiak** — **Y. M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**